# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar is-Sibt, 7 ta' Settembru 2024**

**Każ Nru: 707/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**Omissis**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat u ċioé:

*talli nhar it- 12 ta' Lulju 2024, f'diveri hinijiet differenti, b'diversi atti magħmulin f'hinijiet differenti izda li jiksru l-*istess dispozizzjoni tal-*liġi u li kienu magħmula b'rizoluzzjoni wahda*

1. *Ikkaguna lill-eks siehba tieghu u cioe'* ***OMISSIS****, (li tigi wkoll omm bintu l-minuri* ***OMISSIS****), biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-*persuna *jew il-propjeta' ta' xihadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha*

2. *Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lill- eks siehba tieghu, u cioe'* ***OMISSIS*** *jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni*

3. *Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġieghel lill- eks siehba tieghu* ***OMISSIS,*** *(li tigi wkoll omm bintu l-minuri OMISSIS), taghmel xi ħaġa jew ghamel użu ieħor mhux xieraq bih*

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **OMISSIS** a benefiċċju ta' **OMISSIS** u l-familjari tiegħu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuna ta' **OMISSIS** jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **OMISSIS** b'obbligazzjoni tieghu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti ġiet sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil **OMISSIS** ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum rtirat l-akkuża a tenur tal-artikoli 49(b)(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta[1] u l-obbligazzjoni naxxenti mill-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum[2], l-imputat għażel li jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu.

Rat li l-istess imputat reġa' ammetta l-istess imputazzjonijiet wara li ngħata żmien xieraq sabiex jerġa jikkonsulta mal-avukat difensur tiegħu[3].

Rat id-dokumentazzjoni eżebita mill-prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors konġunt magħmul mill-prosekuzzjoni u d-difiża, ai termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn talbu li l-Qorti timponi piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin, multa ta' mitejn Ewro (€200) kif ukoll ordni ta' Trażżin ai termini tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal-perjodu ta' sentejn mill-lum.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

1) **Fatti u ammissjoni**

---

[1] Baqgħet b'hekk l-akkuża taħt l-artikolu 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Verbal jibda a fol 6 tal-proċess.
[3] B'hekk ġie segwit dak li jrid l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **The Police (Insp. Jonathan Ransley) vs Jianlin Shen**, (App Nru: 44/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-10 ta' Ġunju 2022.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jemerġu ċar mid-dokumentazzjoni eżebita u b'hekk ma hemmx ħtieġa ta' ripetizzjoni tal-istess.

Illi l-imputat għażel li jammetti l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa għażel li jerġa jtenni wara li l-Qorti wisset lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u wara li ngħata biżżejjed żmien sabiex jreġġa lura minnha.

Illi kkunsidrat dan[4], il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu.

## 2) Piena

Illi kif diġa ġie senjalat, il-prosekuzzjoni u d-difiża talbu, permezz ta' rikors skond il-liġi, li din il-Qorti timponi piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin, multa ta' mitejn Ewro (€200) kif ukoll ordni ta' Trażżin ai termini tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal-perjodu ta' sentejn mill-lum. Din il-Qorti infurmat lill-imputat li kienet disposta taċċetta l-istess piena f'każ ta' ħtija.

Illi wara li rat li dak mitlub fir-rikors konġunt jaqa' fil-parametri tal-liġi u li l-imputat ammetta ma l-ewwel opportunità, kif ukoll li huwa wera, anke quddiem

[4] Dwar l-effetti tal-ammissjoni fil-kamp penali, wieħed huwa mistieden jara dak awtorevolment deċiż fis-sentenza ċelebri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Cassar Desain**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 1962. B'żieda ma dik is-sentenza klassika, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon,** (App Nru: 385/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija nhar id-19 ta' Novembru 2015 u dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa,** (App Nru: 99/2017) mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

il-Qorti, rimors għal dak li seħħ u fehem li l-kwistjonijiet relatati mal-minuri u l-eks sieħba tiegħu għandhom jiġu trattati u deċiżi fil-Qrati (fin-nuqqas ta' kunsens amikevoli) tqis li għandha tilqa' t-talba hemm magħmula u dan kif irid l-artikolu 392A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

### 3) Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 251B, 251H(a)(b), 202(h)(iv) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u konsegwentement qiegħda tikkundanna lill-ħati għal piena ta' sentejn (2) priġunerija. Madanakollu, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, qiegħda tordna li, a tenur tal-artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan it-terminu m'għandux jibda jseħħ sakemm il-ħati ma jikkommettix reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, fi żmien erba' snin (4) m'illum. Il-Qorti qiegħda wkoll tikkundanna li l-ħati għal-ħlas ta' multa ta' mitejn Ewro (€200) li għandha titħallas b'mod immedjat. Fin-nuqqas li l-multa titħallas puntwalment, din għandha tiġi konvertita fi priġunerija skond il-liġi.

Illi a tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar, ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jekk huwa jikkommetti reat li għalih hemm piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv.

Illi in oltre, il-Qorti qiegħda a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati a favur ta' OMISSIS u dan għal żmien sentejn mid-data ta' din is-sentenza.

Illi l-Qorti qiegħda tiċħad it-talba għal-ispejjeż a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li ma jirriżultax li hemm lok għal ħlas ta' spejjeż u ma jirriżultax li tqabbdu xi esperti f'dan il-każ.

Il-Qorti finalment tordna, fi kliem l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol m'illum, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur